# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.

Illum l-Hamis, 14 ta' Lulju, 2016

**Il-Pulizija**

**(Supretendent Ian Abdilla)**

**vs.**

***Omissis* u**

**Norbert Farrugia**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

*Omissis* u

Norbert Farrugia 38 sena bin Nicholas u Giovanna nee' Cutajar imwieled H'Attard fil-11 ta' Mejju, 1970 u residenti fl-indirizz f'numru 78, Dr. Nikola Zammit Street, Siggiewi, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 225570M.

Akkużati talli

a) F'Diċembru 2008 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer b'diversi att maghmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u ġew maghmula b'riżoluzzjoni wahda:

1. Approprjaw billi dawru bi profitt ghalihom jew ghal persuni ohra s-somma ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin ċenteżmu (€2,329.37) ghad-dannu ta' diversi persuni liema somma ġiet fdata jew ikkunsinnata lilhom taht titolu illi jġib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haġa jew li jsir użu minnha speċifikat;

2. B'mezzi kontra l-liġi jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqedew b'qerq iehor, ingann, jew billi wrewa haga b'ohra sabiex igieghlu titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz jew ta' hila jew seta' fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlu qliegh ta' iktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin ċenteżmu (€2,329.37) ghad-dannu ta' diversi persuni;

3. U aktar talli fl-istess data, lokalitijiet u ċirkostanzi rcevew jew accettaw xi offerta jew weghda ta' xi vantagg mhux xieraq ghalih stess jew ghal haddiehor bil-ghan li jezercita xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fis- Sub Titolu (IV) tat-Titolu (III) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex igieghel lil dik il-persuna ohra tezercita dik l-influwenza sew jekk dak il-vantagg mhux xieraq ikun ghal dik il-persuna ohra jew ghal xi haddiehor.

4. U aktar talli fl-istess data, lokalitajiet u ċirkostanzi assoċjaw ruħhom ma' xi persuna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn Malta bil-għan li jagħmlu delitt f'Malta.

Lil *Omissis* wehedha:

B'hekk, Omissis kisret kundizzjoni li biha kienet illiberata bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tlett snin u dan b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fis-27 ta' Ottubru 2006, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

B'hekk Omissis hija akkuzata wkoll li wettqet reat fiz-zmien operattiv ta' sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fis-27 ta' Novembru 2008.

Kif ukoll Omissis saret recidiva ai termini tal-Artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li giet ikkundannata b'diversi sentenzi mill-Qrati ta' Malta liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, tikkundanna lill-imputati ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti jew periti fil-proceduri hekk kif kkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, u rat id-dokumenti ezebiti u l-atti l-ohra ta' dawn il-proceduri.

Rat li fis-seduta tat-2 ta' Marzu 2009,[1] Omissis ammettiet ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontriha u li fis-seduta tas-6 ta' April 2009,[2] inghat sentenza minn din il-Qorti diversament preseduta fejn giet ikundannata ghal prigunerija ta' sentejn u nofs.

Rat li fl-istess seduta, il-Prosekuzzjoni talbet s-separazzjoni tal-gudidizzju ta' dawn il-proceduri u li l-Qorti laqghet it-talba.

Rat ir-rinviju tal-Avukat Generali tal-1 ta' April 2009,[3] fejn deherlu li f'din il-kumpilazzjoni tista tinstab htija (jew htijiet) taht dawk li hemm mahsub:

*"Fir-rigward ta' Norbert Farrugia biss:*

*(1) Fl-Artikoli 18, 293, 294, 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*(2) Fl-Artikoli 18, 308, 309, 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*(3) Fl-Artikoli 18, 121A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*(4) Fl-Artikoli 48A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*(5) Fl-Artikoli 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

Ghaldaqstant l-Avukat Generali, kif hemm mahsub fl-Artikolu 370(3)(a) tal-Kodici Kriminali baghat lill-imputati biex jigu ggudikati minn din il-Qorti. Rat li fis-seduta tal-10 ta' Gunju 2009,[4] l-imputat iddikjara li ma kellhux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bil-procedura sommarja u jigi deciz minn din il-Qorti.

[1] A fol. 83 tal-process.
[2] A fol. 107 tal-process.
[3] Ara fol. 122 tal-process.
[4] Ara fol. 121 tal-process.

Rat is-Social Inquiry Report tal-Ufficjal tal-Probation Mary Rose Farrugia.

Semghet it-trattazzjoni orali tal-partijiet.

Wara li l-kawza giet differita ghas-sentenza, l-imputat intavola nota fil-21 ta' Frar 2013,[5] fejn gab a konjizzjoni ta' din il-Qorti li huwa wara li ghadda mill-gharbiel tal-Kummissarju tal-Pulizija a tenur tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta, inhargitlu licenzja relattiva bhala gwardjan privat.

Rat ir-risposta tal-Ufficjal Prosekutur ghal din in-nota.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet fir-rigward ta' din in-nota.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Fl-ewwel lok, din il-Qorti se tibda mill-ahhar prova ezebita mill-imputat – u cioe l-licenzja li ircieva fl-2013 mill-Kummissarju tal-Pulizija ta' gwardjan privat taht il-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti se tinjora din il-prova, stante li fl-opinjoni taghha ma hi ta l-ebda rilevanza ghal kwistjoni jekk l-imputat hux hati jew le tal-imputazzjonijiet dedotti kontrih. Anki jekk, ghal grazzja tal-argument biss, kellu jigi ammess li minkejja dawn il-proceduri kriminali, il-Kummissarju tal-Pulizija xorta qies li l-imputat kien bniedem idoneu biex jinhatar gwardjan privat, bir-rispett kollu din l-opinjoni tal-Kummissarju ma tista' jkollha l-ebda relevanza ghal kwistjoni dwar jekk l-imputat hux hati jew le tal-imputazzjonijiet dedotti kontrih – stante li din il-kwistjoni trid bil-fors tigi deciza minn din il-Qorti abbazi tal-provi prodotti quddiemha.

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

[5] Ara fol 231 tal-process.

1. L-imputat kien jahdem mal-Gvern sal-2008, u l-ahhar xoghol tieghu kien fid-Dipartiment tal-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali. Huwa kien ukoll Kunsilllier fil-Kunsill Lokali tas-Siggiewi u rrizenja ghal habta ta' Lulju 2008.
2. Skond l-istqarrija tieghu – li ma giet bl-ebda mod kontestata - xi sena qabel l-imputazzjonijiet in kwistjoni, l-imputat beda jiltaqa' regolarment ma' Omissis. Omissis kienet tghidlu li hija kienet undercover agent mal-Prim Ministru u li kienet security mal-Prim Ministru.
3. Omissis offrietlu xoghol bhala security mal-Prim Ministru. Qatt ma tkellmu fuq paga u tkellmu biss fuq dettalji zghar ta' kundizzjonijiet ta' xoghol. Madanakollu huwa accetta, irrizenja mill-impjieg li kellu, u beda jaghmel dak li hu haseb li kien xoghol ta' security mal-Prim Ministru.
4. Omissis qalet lill-imputat li seta' jsib xoghol lil xi nies ohra li seta' jkun jaf u dan biex hadd ma jhammgu. Hu sab lil Joseph Chircop u Vincent Spiteri, li kien jaf li xtaqu jibdlu l-impjieg taghhom. Omissis, fil-presenza tal-imputat weghdet lil dawn it-tnejn min-nies li issibilhom post l-MIA, u talbet lil Chircop €2300 ghall-assigurazzjoni,[6] u lil Spiteri l-ammont ta' €2750.[7] u dan l-ammont inghata quddiem l-imputat.
5. Eventwalment talbithom ammonti ohra ta' flus ghal hlas ta' affarijiet allegatament relatati mal-impjieg futur taghhom, li b'kollox jammontaw, fil-kaz ta' Joseph Chircop ghal €5340.00[8] u fil-kaz ta' Vincent Spiteri €5005.00[9].
6. Omissis kienet toqghod iddawwar lil Chircop u Spiteri f'diversi postijiet, inkluz f'ufficini legali ta' persuni prominenti, u l-airport bl-iskuza li qed tippreparalhom l-affarijiet biex ikunu jistghu jahdmu – pero l-bidu tal-impjieg taghhom ma jasal qatt.
7. Spiteri kien iddejjaq u infurmaha li ried jieqaf u ried flusu lura, u Omissis tatu €650.00, u ghalhekk hu ghad fadallu jiehu bilanc ta' €4355.00 (ghalkemm fix-xhieda tieghu isemmi bilanc ta' €4300.00).[10]
8. Fl-istqarrija tieghu, l-imputat jghid li eventwalment sar jaf li Omissis mhux vera kienet sabet impjieg ghall-hbieb tieghu, u qalilha tirrifondi l-flus lil hbiebu.
9. Eventwalment, l-imputat u Omissis gew arrestati mill-Pulizija meta kienu fir-residenza ta' Omissis.

---

[6] Ara xhieda ta' Joseph Chircop a fol. 46 tal-process.
[7] Ara xhieda ta' Vincent Spiteri a fol. 87 tal-process
[8] Ara xhieda ta' Joseph Chircop a fol. 58 tal-process.
[9] Ara xhieda ta' Vincent Spiteri a fol. 87-88 tal-process.
[10] Ara xhieda ta' Vincent Spiteri a fol. 89 tal-process.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Htija**

Fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti l-imputat jghid li waqt li Omissis kienet qed taghmillu t-training biex isir security tal-Prim Ministru, darba haditu quddiesa Ghajn Dwieli fejn kien hemm l-ex President Dr. Ugo Mifsud Bonnici u marret tkellmu. Imbaghad marru Hotel il-Mellieha fejn kien hemm jiekol il-Prim Ministru ma xi nies ohra, u Omissis marret tkellem lil xi whud minn dawn in-nies. Meta jmorru mass meeting, il-pulizija u l-ispetturi kienu jkellmuha. Abbazi ta' dawn il-fatti huwa xehed li beda jemmen li dak li qaltlu Omissis kienet il-verita.

L-imputat xehed ukoll li meta kienet riesqa l-elezzjoni, Omissis qaltlu biex johrog bis-sick leave, ghax issa kienu se jibdew idumu xoghol u se jigi impjegat ufficjali mal-Prim Ministru. Wara l-elezzjoni, Omissis kienet tghidlu li l-Prim Ministru kien imhabbat u spicca qatt ma ltaqa' mieghu.

Fix-xhieda tieghu, l-imputat cahad li hu qatt mess il-flus li Joseph Chircop u Vincent Spiteri taw lil Omissis. Xehed ukoll li wara ftit taz-zmien kien cemplilhom lit-tnejn li huma, u t-tnejn qalulu li kienu sejrin tajjeb fl-impjieg il-gdid taghom u irringrazzjawh. Fix-xhieda tieghu huwa jammetti li ghamel hekk ghax *"dejjem kelli dak it-tip ta' dubbju"* ghaliex hu kien ghadu ma giex impjegat ufficjalment bhala security mal-Prim Ministru.[11]

L-imputat xehed ukoll li hu gie bla paga, ghax hareg bis-sick leave, u meta rrinfacca lill-Omissis b'dan, din wigbitu li l-paga tieghu qed tigi imfaddla.

Fix-xhieda taghha, Omissis, li l-kaz taghha kien deciz, assumiet ir-responsabbilita kollha, u qalet li hi kienet mhux biss tradiet lil Joseph Chircop u Vincent Spiteri, imma anke lill-imputat, u li l-imputat ma ha xejn mill-flus li hi hadet minghand Chircop u Spiteri.

[11] Ara xhieda tal-imputat a fol. 154 tal-process.

Wara li hasbet fit-tul, din il-Qorti waslet ghal konkluzjoni li hija ma tistghax temmen il-verzjoni tal-imputat li hu ma kien jaf xejn li Omissis kienet qed tqarraq b'Chircop u bi Spiteri. Ghalkemm ma hemmx dubbju li Omissis pingiet lilha nfissha bhala persuna importanti u influwenti mal-awtoritijiet u dan hu konfermat anke minn dak li qalu l-partijiet civili lill-Probation Officer fis-social inquiry report. Il-Qorti taqbel ma dak li l-Ufficjal Prosekutur qal lil Probation Officer u li hu imnizzel fis-social inquiry report, u cioe li *"persuna bhal Norbert li ghandu track record ta' certu karigi bhalma kellu fic-civil kif ukoll bhala vici sindku mhux ta' min jidhak bih b'dak il-mod ghal perjodu twil ta' zmien."*

Jekk wiehed ihares lejn ir-risposti li l-imputat wiegeb ghad-domandi tal-Qorti, kif diversament presuduta, wiehed jasal ghal konkluzjoni li l-fakoltajiet mentali tal-imputat huma baxxi hafna. Huwa accetta li johrog bis-sick leave minn mal-Gvern u li dak l-impjieg jigi terminat biex jigi impjegat bhala security mal-Prim Ministru, meta kif sewwa osservat din il-Qorti, diversament preseduta la darba l-impjieg il-gdid tieghu kien se jibqa' mal-Gvern ma kellux ghalfejn jirrizenja. Jammetti li hu lanqas biss indaga dwar dan il-fatt. Jammetti li hareg bis-sick leave minghajr ma mela xi formola u jammetti li ma jafx jekk ghadux fuq il-kotba tas-Sovraintendenza jew le, ghax qatt ma ndenja ruhu jsaqsi, u dan wara xhur li kien ha s-sickleave u kien ghadu minghajr impjieg fiss.

Dan kollu mhux kredibbli, iktar u iktar fid-dawl tax-xhieda ta' Paul Miruzzi ex-Superjur tal-imputat, li ddiskriva lill-imputat bhala impjegat responsabbli u li kellu kwalitajiet ta' abbilita ta' management u meta kien jahdem l-isptar St. Vincent de Paule kellu madwar 100 security guards addetti tahtu, u xogholu kien propju li jimponi d-dixxiplina.

Fis-Social Inquiry Report, l-Ufficjal tal-Probation ikkonkludiet ir-rapport taghha hekk: *"Mill-andament ta' dan ir-rapport jidher li Norbert Farrugia hu bniedem intelligenti, socjevoli, affidabbli <u>u li ghandu kapacitijiet li jinfluwenza lil dak li jkun.</u>"* (sottolinear ta' din il-Qorti)

Din id-deskrizzjoni tal-karattru tal-imputat mix-xhud Miruzzi u mill-Ufficjal tal-Probation – li certament huwa xhieda indipendenti – certament ma jaqblux mal-versjoni tal-karattru li l-imputat prova jaghti lilu nnifsu – u cioe ta' bniedem li jemmen kollox malajr, u li jabbanduna x-xoghol tieghu, meta ghad m'ghandux ic-certezza ta' impjieg fiss f'post iehor.

Fl-opinjoni tal-Qorti, l-imputat, jekk mhux mill-bidu nett, imma zgur sa ftit gimghat wara li sar jaf lil Omissis, u kien ghadu ma giex impjegat bhala security mal-Prim Ministru kif wieghditu, ma setghax ma rrealizzax – anki kieku kien ragel ta' intelligenza ordinarja – ahseb u ara ragel bil-kapacitajiet li ddiskriva x-xhud Miruzzi – li Omissis kienet qed taghmel messa in scena u li kienet frodista. Minhabba li, kif jirrizulta mill-provi, huma kellhom relazzjoni bejniethom, l-imputat ghazel li jibqa' maghha u minflok introducilha zewg irgiel ohra sabiex tkun tista' tingannahom li se ssibilhom impjieg b'hafna raggiri u tehdilhom il-flus. Il-Qorti m'ghandix dubbju li l-imputat mhux biss kien komplici imma ha parti attiva ma' Omissis fl-atti frawdolenti taghha u kien jaf precizament x'qieghda taghmel lil partijiet civili. Ghalhekk il-versjonijiet tal-partijiet civili li l-imputat ippartecipa fir-raggiri ta' x'impjieg ha jkollhom u f'xi okkazzjonijiet ha l-flus hu, huma aktar kredibbli mill-verzjoni tieghu.

Huwa hafna sinifikanti li fix-xhieda taghha Omissis tghid li l-imputat rrizenja minn Kunsillier, ghax infamawh li hu qieghed hi tghid fi hbiberija u mhux relazzjoni maghha, meta kellha proceduri kriminali pendenti kontriha, u n-nies kienu qed jghidula kriminal.[12] Ghalhekk, ma jistghax ikun li l-imputat ma kienx jaf b'dan il-fatt, u sfortunatament, iddecieda li jkompli maghha fit-triq tal-kriminalita.

Ghalhekk, il-Qorti sejra ssib lill-imputat hati tar-reati frodi u misapproprjazzjoni. Pero mill-provi ma jirrizultax li l-imputat iffroda lill-partijiet civili sabiex jezercita influwenza mhux xierqa ta' kif tiddeciedi persuna li jkollha kariga awtorevoli, kif kontemplat fl-Artikolu 121A tal-Kodici Kriminali.

## Konsiderazzjonijiet dwar Piena

Rigward il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-fedina penali tal-imputat hija prattikament netta, hlief ghal kundanna wahda antika tal-1991 li dahal il-Belt Valletta b'vettura minghar ma kienet licenzjata biex tidhol f'dak il-lokal.

Fit-trattazzjoni orali finali, l-Ufficcjal Prosekutur qabel mal-abbli difensur tal-imputat li l-imputazzjoni ta' frodi u l-imputazzjoni ta' misapproprazzjoni huma alternattivi ghal xulxin.

[12] Ara fol. 199 tal-process.

Bl-applikazzjoni tat-teorija tal-konkors formali jew ideali tar-reati, l-imputat jista’ jinstab hati tar-reat l-iktar gravi u cioe dak ta’ frodi.

Il-Qorti lanqas hija tal-opinjoni li l-piena ghandha tizdied bi grad jew tnejn ai termini tal-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fit-trattazzjoni orali, l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li hu mhux qed jitlob l-inkarcerazzjoni. Il-Qorti taqbel li tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, piena karcerarja effettiva mhix idonea fil-kaz odjern.

Pero, il-Qorti hija tal-opinjoni li l-imputat ghandu jigi ikkundannat jirrizarcixxi l-ammont kollu li gew frodati minnu l-partijiet civili. Huwa vera li Omissis kienet ko-awtrici mieghu. Pero kien hu li introduca l-partijiet civili lil Omissis u kompla maghha fl-ingann u fil-frodi tal-istess partijiet civili.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta elenkati fir-rinviju tal-Avukat Generali tal-1 t’April 2009, issib lill-imputat hati biss tar-reati kontemplati fl-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-istess Kapitolu 9, u tikkundannah ghal piena karcerarja ta’ disa’ (9) xhur prigunerija, li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmula qieghda tigi sospiza ghal perjodu ta’ tlett (3) snin, ai termini tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ai termini ta’ l-Artikolu 28(H) tal-Kapitolu 9, il-Qorti qieghda tordna lill-hati, ihallas is-somma ta’ hamest elef tlett mija u erbghin Euro (€5340.00) lill-parti leza Joseph Chircop u s-somma ta’ erbat elef tlett mija u hamsa u hamsin Euro (€4355.00) lill-parti leza Vincent Spiteri, u dan fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, rapprezentanti l-ammont li gie lilhom frodat u mhux rifuz.

Ai termini ta’ l-Artikoli 28A(4) u 28H(7) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti fissret lill-hati fi kliem car u semplici l-import ta’ din is-sentenza u l-konsegwenzi f’kaz li jonqos milli josservaha, u cioe f’kaz li jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fiz-zmien

operattiv, u/jew jekk jonqos li jhallas lill-parti offiza l-ammont fuq preskritt fiz-zmien stipulat hawn fuq.

**Magistrat**

**Deputat Registratur**